MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Talba Numru. 497/2011

**Allcare Insurance Brokers Limited [C-29741]**

**vs**

**Christian Niculae [ID. Nru. 40304A]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ mitejn u tletin euro (€230) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut bhala hlas ta’ poloz ta’ assikurazzjoni maghmula ghan-nom tieghu u mhallsa lill-underwriter ghan-nom tieghu mis-socjeta attrici. Is-socjeta attrici talbet ukoll l-ispejjez ta’ din il-procedura u l-imghax legali mis-7 ta’ Frar, 2010 sal-hlas effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u

pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar is-6 ta' Marzu, 2012, nhar it-18 ta' April, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta' April, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tletin euro (€230) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------